MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 709/2014

**Av. Dr Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' l -assenti Kaptan Wayne Foulis, Alex Dodson, Andrew Flanagan, Thibaut de Larquier, Sarah Foulis, Bryony Parr, Holly Whitaker, Guy Mannering, Alison Vandenbussche, Michael Board u Kaptan Shaun Snyders**

**-VS-**

**Icon Boat Limited (C- 43720)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr Malcolm Mifsud noe tal-11 t'Awwissu, 2014 li jaqra hekk:

1. *"Illi s-socjeta intimata hija s-sid ta' superyacht MY Pure One registrata Malta;*

2. *Illi 1-Kaptan Wayne Foulis, u l-bqija tal-ekwipagg Alex Dodson, Guy Mannering, Sarah Foulis, Byrony Parr, Holly Whitaker,Thibaut deLarquier (Dok A, B),il-Kaptan Shaun Snyders, Alison Vandenbussche u Michael Board gew impjegati sabiex jservu fuq it-Motor Yacht Pure One, registrat f'Malta;*

3. *Illi l-Kaptan Wayne Foulis u l-bqija tal-ekwipagg inghataw Crew Departure Notice f'Ottubru u Novembru 2013 (flok C, D, E, F, G, H, I, J );*

4. *Illi s-socjeta intimata ma halsitx il-paga u allowances kollha tal-Kaptan Wayne Foulis u l-ekwipagg, Alex Dodson, Andrew Flanagan, Thibaut de Larquier, Sarah Foulis, Bryony Parr, Holly Whitaker, Guy Mannering li jammonta ghd USD 82,530.68, ekwivalenti ghal €60,280.41 li jikkonsisti l-mod segwenti;*

a. *Il-Kapitan Wayne Foulis huwa intitolat ghal USD 24,624.64, ekwivalenti ghal €17,985.84, rapprezentanti fi erbat ijiem paga, 28 gurnata vacant leave u xahar paga bhala avviz ta' terminazzjoni ta' l-impieg;*

b. *Alex Dodson huwa intitolat ghal 21 gurnata paga li jammonta ghal USD4,832.87, ekwivalenti ghal €3,529.93;*

c. *Andrew Flanagan huwa intitolat ghal xahar u 25 gurnata li jammonta ghal USD9,166.67, ekwivalenti ghal €6,695.34;*

d. *Guy Mannering huwa intitolat ghal 57 gurnata paga li jammonta ghal USD6,175, ekwivalenti ghal  €4,510.22;*

e. *Sarah Foulis hija intitolata glal erbat ijiem paga u 21 gurnata vacant leave, li jammonta ghal USD 10,931.50 ekwivalenti ghal €7,984.37;*

f. *Byrony Parr huwa intitolat ghal xahrejn paga ,li jammota ghal USD8,000, ekwivalenti ghal €5,843 .20;*

g. *Holly Whitaker hija intitolata ghal xahrejn u 18-il gurnata paga, li jammonta ghal USD7,800, ekwivalenti ghal €5,679.12*

h. *Thibaut de Larquier huwa intitolat ghal xahrejn paga li jammonta ghal USD11,000, ekwivalenti ghal €8,034.40*

5. *Illi l-Kaptan Shaun Snyders huwa intitolat ghal paga u allowances USD 27,000. Barra minhekk Michael Board huwa intitolat ghal sittin guranta ta paga li jammonta ghal USD 8,000 u Alison Vandenbussche hija intitolata ta' sittin gurnata paga li jammonta ghal USD 6,000.*

6. *Illi s-socjeta kienet interpellata diversi drabi sabiex thallas izda baqghet inadempjenti.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex,*

1. *Tiddikjara li s-socjeta intimata hija debitrici lill-Attur nomine s-somma ta' mija u wiehed u mitejn u tmenin Euros u wiehed u erbghin centezmu (€101,280.41);*

2. *Tordna lis-socjeta intimata thallas lill-Attur Nomine s-somma ta' mija u wiehed u mitejn u tmenin Euros u wiehed u erbghin centezmu (€101,280.41)*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz l-mandat ta'inibizzjoni numru 1079/14 NC li tibqa ngunta minn issa ghas-subizzjoni."*

Rat id-digiet taghha tat-18 t'Awwissu 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar l-Erbgha 12 ta'Novembru 2014 fid-9:20am;

Rat illi s-socjeta' intimata giet debitament notifikata bir-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh skond il-ligi;

Rat in-nota ta'Av Dr. Malcolm Mifsud Noe tas-27 t'Awwissu 2014 (a fol. 42);

Rat in-nota ta'Av Dr. Malcolm Mifsud Noe tat-28 t'Ottubru 2014 (a fol. 47 et seq.) u l-affidavit ta' Charles Gerard Boyle;

Rat illi s-socjeta'intimata baqghat kontumaci;

Rat id-digriet tagħha tal-Hamis 27 ta'Novembru 2014, li bih akkordat lis-socjeta'intimata terminu ta' gimgha zmien sabiex tressaq s-sottomissjonijiet, ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi s-socjeta'intimata ma ressaq ebda sottomissjoni;

Rat illi ghalhekk ma jezisti ebda ostakolo sabiex il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda prodotta fil-rikors guramentat jirrizulta li s-socjeta intimata Icon Boat Limited, sid is-*super yatch* MY Pure One registrata Malta, naqqset illi thallas il-pagi u *allowances* lil membri tal-ekwipagg taghha u cioe' l-atturi kif rapprezentati minn Dr. Malcolm Mifsud.

Illi l-Qorti fliet l-affidavit ta' Charles Gerard Boyle a fol. 48 sa 52 li jaghti informazzjoni shiha dwar kull membri tal-ekwipagg, bl-isem, kariga, dati tal-impjieg, dettalji tas-salarji u r-ragunijiet ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghhom. Apparti minn dan fl-affidavit tieghu Boyle **jaghti rendikont** ta' dak kollu li huwa dovut lill-atturi mis-socjeta'intimata. **Dan jaqbel mac-cifri indikati fir-rikors promotorju.**

Apparti dan, il-Qorti rat u ezaminat dokument A sa U u cioe' il- prokuri tal-membri tal-ekwipagg, *crew departure notices* , u kuntratti tal-impjieg tal-istess membri tal-ekwipagg.

Illi l-Qorti rat illi s-socjeta' intimata naqqset li tipprezenta risposta guramentata, naqqset illi tidher u li ghalhekk baqghet kontumaci.

Ghaldaqstant, fil-kontumacja tas-socjeta' intimata, u fid-dawl tal-inadempjenza taghha ghall-fakolta moghtija minn din il-Qorti li jipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr illi taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Tiddikjara li s-socjeta intimata hija debitrici lill-attur nomine fis-somma ta' mitt elf u wiehed, mitejn u tmenin Euros u wiehed u erbghin centezmu (€101,280.41);

2. Tordna lis-socjeta intimata thallas lill-attur nomine s-somma ta' mitt elf u wiehed, mitejn u tmenin Euros u wiehed u erbghin centezmu (€101,280.41)

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ intimata, inkluz l-mandat ta’inibizzjoni numru 1079/14 NC.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------